**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 10 ta' Novembru, 2016

Rikors Nru : 244/16 AL

**AB**

**u**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie kkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li *in forza* tieghu, wara li ppremettew :

Illi r-rikorrenti kkontrattaw iz-zwieg taghhom nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u seba` (2007) fil-Parrocca ta' Giezu, r-Rabat.

Illi l-partijiet huma legalment separati b'kuntratt datat tlettax (13) ta' April 2011 ippubblikat min-Nutar Dr. Reuben Debono liema kuntratt qieghed jigi hawn esebit u mmarkat bhala Dok. DC 1.

Illi ghalkemm ir-rikorrenti ilhom aktar minn erba` snin legalment separati, huma ilhom aktar minn erba` snin ma' jirrisjedu flimkien u dan ai termini tal-artiklu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi minn dan iz-zwieg twieled il-minuri XB li llum ghandu hdax-il sena.

Illi l-esponenti CB kienet ghamlet zmien tghix l-Amerika u l-esponent Dominic Cachia kien taha s-somma ta' ghaxart elef ewro (€10,000) sabiex ikopri l-manteniment u ghalhekk l-ebda manteniment ma hu dovut. Dan jirrizulta minn dokument esebit u mmarkat bhala Dok. DC 2, liema dokument huwa kuntratt datat 25 ta' Mejju 2015, fl-atti tan-Nutar Dr.Robert Borg.

Illi ma hemm ebda prospett ragonevoli li ssir rikonciljazzjoni bejn il-partijiet rikorrenti. Fil-fatt, l-esponenti CB ghandha relazzjoni ma' persuna ohra liema relazzjoni ilha ghaddejja ghal zmien sena, u l-esponent AB ilu f'relazzjoni ghal zmien sentejn u nofs.

Illi bejn il-partijiet ma hemm ebda kwistjoni ta' manteniment pendenti bejniethom.

Talbu ghar-ragunijiet fuq imsemmija illi din il-Qorti m'ghandhiex tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet permezz ta' divorzju, kif ukoll tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet ai termini tal-ligi.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Awwissu, 2016;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Il-Qorti rat illi r-rikorrenti issodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprovaw illi ilhom legament separati mit-13 ta' April 2011 u illi ma hemm l-ebda

prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.